MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 493/2005

**Francis u Agnes konjugi Fenech**

**vs**

**Peter Donald u Antonia konjugi Holden**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

L-attur Francis Fenech hadem xoghol ta` bini fil-fond fi Triq San Pawl, Rabat fuq inkarigu u interess tal-konvenuti, kif dettaljatament indikat fid-disa` stimi annessi u mmarkati Dok S1 sa Dok S9;

Kif jidher mir-rendikont Dok R anness, il-valur tax-xogholijiet kollha, inkluz il-VAT relattiv kienu fl-ammont ta` (Lm16674.01,0) sittax-il elf, sitt mija u erbgha u sebghin

liri Maltin u centezmu, li minnu l-konvenuti hallsu akkont is-somma ta` (Lm9650) disa` t`elef, sitt mija u hamsin liri Maltin u ghalhekk ghadu minnhom dovut lill-attur il-bilanc ta` (Lm7024.01,0) sebat elef u erbgha u ghoxrin liri Maltin u centezmu;

Il-konvenuti naqsu li jhallsu l-bilanc minnhom dovut nonostante diversi interpellazzjonijiet fosthom ittra ufficcjali ta` l-20 ta` Dicembru, 2004 (Numru 4283/04);

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi s-somma ta` (Lm7024.01,0) sebat elef erbgha u ghoxrin liri Maltin u centezmu bilanc minn somma akbar kif intqal ghal xoghol ta` bini li sar mill-attur fuq inkarigu u interess taghhom, okkorrendo bl-opera ta` periti nominandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali fuq imsemmija, tal-mandat kawtelatorju ta` sekwestru pprezentat kontestwalment, bl-imghaxijiet mid-data ta` l-ittra ufficcjali, cioe` 20 ta` Dicembru, 2004 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta.

1. In linea preliminari, in-nullita` tac-citazzjoni fl-ismijiet premessi stante li l-atturi jitolbu l-kundanna ghal hlas tal-ammont minnhom pretiz minghajr it-talba li ghandha tiddikjara inizjalment jekk l-eccipjenti humiex debituri o meno tal-atturi.

2. Inoltre minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, jinghad li l-ammont mitlub huwa kkontestat u ghalhekk *se mai* jekk jigi stabbilit li s-somma li allegatament hija dovuta tkun differenti minn dik mitluba, l-atturi ma hasbux ghall-eventwalita` ta` likwidazzjoni f`somma verjuri minn dik pretiza. Illi ghalhekk isegwi li jekk ikun hemm somma differenti minn dik reklamata t-talba ma tistax tigi milqugha.

3. Minghajr pregudizzju, fil-mertu il-pretenzjonijiet tal-atturi huma infondati u esegerati u ghalhekk it-talbiet ma ghandhomx jigu milqugha.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat il-verbal tal-21 ta` Ottubru, 2005 fejn gie nominat il-Perit Arkitett Godwin Abela sabiex jirrelata fuq it-talbiet tal-kawza.

Rat ir-rapport tal-istess Perit Godwin Abela pprezentat fil-5 ta` Frar, 2007.

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet in segwitu ghall-imsemmi rapport.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-fatti f`din il-kawza jirrigwardaw inkarigu ta` xoghol ta` bini moghti mill-konvenuti lill-attur. L-inkarigu ma nghatax kollu f`daqqa, u dwar dan il-partijiet jidhru li jaqblu. Perjodikament, il-konvenuti kienu jhallsu, u dan sakemm l-attur ma baqax isegwi x-xoghol b`mod assidwu, anzi beda jidher li x-xoghol qed idum esageratament.

Finalment, il-konvenuti waqqfu lill-attur milli jkompli bl-inkarigu. Din il-kawza ghalhekk segwiet peress illi l-attur qed jitlob bilanc ta` hlas ghas-somma ta` sebat elef u erbgha u ghoxrin lira (Lm7024).

L-attur f`din il-kawza qed jibbaza t-talbiet tieghu fuq serji ta` dokumenti msejjha "stimi" u rendikont relattiv (Dok S1 sa S9 a fol. 5 sa 15) u Dok. R a fol. 16 tal-process.

Il-Qorti tibda` biex tinnota li ssib l-imsemmija stimi dubbjuzi ghall-ahhar. Id-dokumenti S1 sa S9 huma msejjha stimi pero` jidhru li gew redatti wara li effettivament sar ix-xoghol. Jixhed dan hemm il-lingwagg

uzat, per ezempju “baxxejna l-art” (fol. 6) “ksejna l-art” (fol. 7), “tghabba l-gebel” (fol. 10), “inhareg il-hajt” (fol. 11), “qaltilna biex nergghu naghlquha” (fol. 13) kif ukoll id-dettal li ghandhom inkluz fihom. Il-Qorti ssibha ferm difficli temmen kif, stima tista` tinkludi ezattament “15 il-vjegg ta` dhul ta` gebel” (fol. 11) jew kiri ta` erba` skips (fol. 12).

L-istess jista` jinghad ghar-rendikont pprezentat bhala Dok. R a fol. 16. Ghalkemm dan juri elenku tal-kontijiet kollha li hareg l-attur, u l-Qorti qeghda ssejhilhom kontijiet konxjament, il-hlas da parti tal-konvenut jidher bhala somma wahda, u dan meta l-partijiet jaqblu li l-hlas sar f`diversi pagamenti.

F`dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ghalhekk qeghda tistrieh fuq dak li kkonstata l-perit tekniku inkarigat minnha.

Dan ikkonkluda illi l-valur komplessiv tax-xoghol li sar huwa ta` hdax-il elf hames mija u hames liri (Lm11,505). Tenut kont li l-konvenuti diga` hallsu l-ammont ta` disat elef u sitt mitt lira (Lm9600) il-bilanc li ghad ghandu jiehu l-attur huwa ta` elf, disa` mija u hames liri (Lm1905) liema ammont jinkludi t-taxxa tal-valur mizjud.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tikkundannhom ihallsu lill-attur is-somma ta` €4437.46 (Lm1905) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez tal-mandat kawtelatorju u tal-ittra ufficjali jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghall-kwart mill-konvenuti u tlett kwarti mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------